KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 2 ta' Ottubru 2012 (03.10)
(OR. en)

14440/12

COPEN 218
EUROJUST 94
EJN 77

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Sur Jan STORE, Rappreżentant Permanenti tal-Finlandja għall-Unjoni Ewropea |
| bid-data: | 27 ta' Settembru 2012 |
| lil: | Is-Sur Rafael FERNANDEZ-PITA, Direttur Ġenerali, DG D, Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Notifika mill-Finlandja skont l-Artikolu 31.2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri |

Sinjur,

Mehmuż għandek issib, f'isem il-Finlandja, id-dikjarazzjoni komuni Nordika fir-rigward tal-Artikolu 31.2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri.

(Formola tal-għeluq)

(firma) Jan STORE

Il-Finlandja qiegħda b'dan tinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni f'isem il-Finlandja bid-dikjarazzjoni komuni Nordika fir-rigward tal-Artikolu 31.2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri.

**Notifika skont l-Artikolu 31.2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri**

Fil-15 ta' Diċembru 2005, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Islanda, in-Norveġja u l-Isvezja ffirmaw il-Konvenzjoni dwar il-proċeduri ta' konsenja bejn il-pajjiżi Nordiċi (il-Mandat ta' Arrest Nordiku). Il-Konvenzjoni ser tidħol fis-seħħ fis-16 ta' Ottubru 2012.

Il-Konvenzjoni tistipula kooperazzjoni eqreb bejn il-pajjiżi Nordiċi mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew. Għalhekk, il-Konvenzjoni ser tintuża fil-proċeduri ta' konsenja bejn id-Danimarka, il-Finlandja u l-Isvezja minflok id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew.

Il-Finlandja applikat l-Att Nordiku l-ġdid dwar l-Estradizzjoni (1383/2007) li hu bbażat fuq il-konvenzjoni tal-1 ta' Jannar 2008.

(Formola tal-għeluq)

(firma) Is-Sinjura Anna-Maja HENRIKSSON
Ministru tal-Ġustizzja, Finlandja